MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 21/2011/1

**Joseph Mifsud**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell tar-rikorrent Joseph Mifsud minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2011 li permezz taghha cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez

kontra tieghu. Is-sentenza li dwarha tressaq dan l-appell tghid hekk:
"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors ta' Joseph Mifsud ipprezentat fil-11 ta' Mejju 2011, li jaqra hekk:

"Illi r-rikorrenti kien gie akkuzat fis-27 ta' Frar 2007 quddiem il-Qorti Kriminali b'pussess ta' droga kontra l-ligi, liema akkuza kienet zvolgiet fi proceduri quddiem il-Qorti Kriminali permezz ta' proceduri b'guri fil-konfront tieghu;

"Illi skont verdett moghti mill-gurija huwa instab hati biss tal-ewwel kap tal-att ta' akkuza u permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fl-24 ta' Gunju 2009 huwa kien gie kkundannat ghal piena ta' 18-il sena prigunerija, ghall-hlas ta' multa ta' €40,000 li jekk ma jithallsux jigu kkonvertiti f'terminu ulterjuri ta' 18-il xhar prigunerija, ghall-hlas tal-perizji u ghall-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli u immobbli tieghu;

"Illi huwa pprezenta rikors ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali mill-imsemmija sentenza fl-14 ta' Lulju 2009 wara li nkariga avukat iehor ghal dan il-ghan;

"Illi quddiem l-imsemmija Qorti tal-Appell Kriminali huwa talab lill-Qorti zzomm access fuq il-post sabiex hija stess tkun tista' tikkonstata r-ragjonevolezza ta' xhieda principali moghtija fil-kors tal-proceduri liema talba giet michuda;

"Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet l-appell ipprezentat mir-rikorrent fit-2 ta' Settembru 2010 billi '*tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss in kwantu ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' mobbli u immobbli tal-appellant, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan li l-perjodu ghall-hlas tal-ispejjez tal-perizji u t-terminu li fih l-Avukat Generali b'nota jinforma lill-Qorti Kriminali li ghandu bzonn li dawn l-esebiti jigu prezervati ghall-iskop ta' xi proceduri ohra kontra terzi, jibda jiddekorri mil-lum.'*;

"Illi kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jirrikonoxxu d-dritt ta' kull persuna akkuzata ghal smiegh xieraq li fih jikkomprendi l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza, li l-prova kontra l-akkuzat tkun wahda li ma thalli l-ebda dubju ragjonevoli dwar il-htija tieghu u li kwalunkwe dubju ragjonevoli ghandu jigi mehud favur il-persuna akkuzata, kif ukoll li huwa jkollu l-possibilita` li jressaq il-provi;

"Illi l-procedura li tigi segwita fil-kors ta' proceduri trid ghalhekk tirrispekkja dawn il-principji altrimenti tkun procedura li twassal ghall-verdett li huwa ingust, 'unsafe' u perikoluz;

"Illi sabiex tigi rispettata l-prezunzjoni tal-innocenza kif ukoll id-drittijiet ta' difiza skont smiegh xieraq l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jaghti lill-akkuzat drittijiet sabiex iressaq il-provi;

"Illi tali dritt huwa fundamentali ghal smiegh xieraq tant li skont Artikoli 506 u 507 tal-Kodici Kriminali persuna akkuzata ghandha ukoll il-fakulta' li bil-permess tal-Qorti tressaq provi ohra quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u infatti kien hemm kazijiet fejn dan avvera ruhu;

"Illi tali fakulta' issir aktar importanti meta l-prova li l-akkuzat jitlob li titressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali tkun direttament sabiex timpunja x-xhieda ta' xhud uniku li ngib kontra tieghu mill-prosekuzzjoni u meta skont artikolu 638(2) xhieda ta' persuna wahda hija kkonsidrata sufficjenti ghall-verdett (anke meta fil-kamp penali m'ghandux ikun minhabba l-prezunzjoni tal-innocenza li xhud wiehed ikun sufficjenti);

"Illi ghalhekk ic-cahda tat-talba tieghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jinzamm access kienet wahda irragjonevoli meta wiehed jikkonsidra li tali rifjut cahdet lir-rikorrent mid-dritt li jressaq il-provi kollha favur tieghu kif huwa necessarju sabiex process ikun wiehed li jirrispetta d-dritt ghal smiegh xieraq;

“Illi fi process ta’ guri, l-Imhallef sedenti huwa obbligat li jassigura li f’kull hin tal-process ma jigi kkreat l-ebda pregudizzju fil-konfront tal-persuna akkuzata u ghandu r-responsabbilita` li jassigura mhux biss li l-ligi dwar il-procedura tigi mharsa izda li l-akkuzat jinghata smiegh xieraq b’mod shih u effettiv;

“Illi filwaqt ghalhekk li d-decizjoni dwar il-fatti tispetta lill-gurati, l-Imhallef obbligat iwaqqaf kull strategija, kliem u ghemil li jippregudikaw l-elementi ta’ smiegh xieraq u sahansitra li fejn il-gurati jkunu mehtiega jikkonsidraw punti ta’ ligi dawn ghandhom jigu lilhom spjegati b’mod car mill-Imhallef;

“Illi f’dak li jirrigwarda l-pozizzjoni ta’ punti ta’ ligi li ghandhom jigu mfissra lill-gurati, dan huwa ukoll preskritt fl-artikolu 465 tal-Kodici Kriminali;

“Illi izda fil-process tar-rikorrenti, il-gurati kienu mistennija jikkonsidraw xhieda fid-dawl tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta liema ligi ma gietx spjegata lill-gurati b’mod xieraq;

“Illi in oltre, fil-kors tal-process, il-prosekuzzjoni thalliet tressaq korroborazzjoni tax-xhud principali bl-introduzzjoni ta’ provi mhux ammissibbli skont il-ligi b’tali mod li l-gurati tqeghdu f’pozizzjoni li jikkonsidraw u jistriehu fuq xhieda u prova li l-ligi stess ma tippermettix bhal per ezempju ‘*hearsay evidence*’;

“Illi l-artikoli u l-principji tal-ligi li ma jippermettux certu prova u xhieda jsahhu s-smiegh xieraq u ghalhekk meta dawn ma jigux segwiti jdghajfu dak il-process b’tali mod li jwasslu ghall-process li ma jirrispettax dak l-istess dritt;

“Illi ghalhekk, il-process konkluz fil-konfront tar-rikorrent huwa wiehed li jivvjola d-dritt ghal smiegh xieraq billi huwa gie mcahhad milli jressaq prova importanti tramite l-access fuq il-post, billi fil-kors tal-process ma ttiehdux dawk is-salvagwardji mehtiega sabiex provi inammissibbli ma jitressqux fil-process u billi ma giex spjegat lill-gurati punt ta’ ligi.

"Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha (a) tiddikjara li c-cirkostanzi indikati hawn fuq jammontaw ghall-vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrent kif protett f'artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea; (b) taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom li (c) tiddikjara li l-process konkluz fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa wiehed difettuz billi ma ttiehdux dawk is-salvagwardji necessarji sabiex dan ikun process li jirrispetta d-dritt ghal smiegh xieraq, u li tiddikjara s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 2010 hija nulla u bla effett, u (d) tiddikjara li l-process konkluz fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali huwa wiehed difettuz billi ma ttihdux dawk is-salvagwardji necessarji sabiex dan ikun process li jirrispetta d-dritt ghal smiegh xieraq, u tiddikjara s-sentenza moghtija fl-24 ta' Gunju 2009 mill-Qorti Kriminali inkluz il-verdett moghti fil-konfront tar-rikorrent huma nulli u bla effett billi huma milquta minn vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq.

"Bl-ispejjez kontra l-intimati.

"Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha eccepixxa illi:

"Fl-ewwel lok, dan ir-rikors huwa frivolu u vessatorju ghax qed jinjora l-fatt li huwa diga` ivventila dawn l-istess ilmenti quddiem il-Qorti tal-Appell, u ghax hemm ma nghatax ragun qed jipprova jlibbes l-istess ilmenti f'vesti kostituzzjonali.

"L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma gewx vjolati la mill-ewwel Qorti u lanqas mill-Qorti tal-Appell.

"**<u>Il-Qorti Kostituzzjonali m'ghandhiex tkun 'Qorti tat-Tieni Appell'</u>**

"L-Artikolu 6 jiprovdi li:

"*(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi ....* "

"L-esponent bl-ebda mod mhu qed jippretendi li l-agir tal-Qrati tal-Appell m'huwiex sindakabbli kostituzzjonalment. Pero`, lanqas ma jidhirlu li jkun korrett li, sempliciment ghax ir-rikorrent fil-kaz odjern jidhirlu li ma kellux jinstab hati, jipprova jerga' jidhol fil-mertu tal-proceduri kontrih u jivventila l-fatti tal-kaz bl-iskuza palpabbli li, bis-sentenza li tat fit-2 ta' Settembru 2010, il-Qorti tal-Appell Kriminali (QAK) illedietlu d-drittijiet fundamentali minhabba li ma qisitx il-fatti sew. Apparti li ezami tas-sentenza in kwistjoni ghandu jindika li dan mhux minnu, l-esponent jidhirlu inoltre li tentattiv ta' dan it-tip min-naha tar-rikorrent jimmerita li jigi respint mill-bidu nett.

"Inoltre, il-procedura tal-guri f'Malta, li hija immudellata fuq dik Anglo-Sassona, hija wahda partikolari u tiddependi ghall-effikacita` taghha proprju mill-fatt li d-decizjoni fuq il-fatti ma ttehidx minn Magistrat jew Imhallef izda minn rapprezentanti tas-socjeta'. Ghalhekk, QAK, filwaqt li tevalwa l-korrettezza tad-decizjoni mittiehda u tifliha ghal kwalunkwe zbalji li setghu ittiehdu matul il-process tal-guri, inkluz ovvjament in konnessjoni mal-fatti tal-kaz, trid ukoll izzomm prezenti quddiem ghajnejha n-natura partikolari tas-smiegh permezz tal-gurija u ma tistax b'ebda mod tiehu fuqha rwol li tkun diga` svolgiet l-istess gurija.

"**<u>It-talba ghall-access</u>**

"Kif osservat il-QAK,

"Din il-Qorti tosserva l-ewwel nett illi t-talba biex isir access saret ukoll waqt it-trattazzjoni orali u gietipprezentata nota f'dar-rigward fid-19 ta' Awissu 2010. issa, mill-atti tirrizulta precizament il-pozizzjoni li kienu fiha l-vetturi, u fi kwalunkwe kaz l-inhawi tal-Infetti huma ben noti lil din il-Qorti. Inoltre ma jirrizultax li saret xi talba

quddiem l-ewwel Qorti biex isir access. Ghalhekk ma kienx il-kaz li jsir access f'dan l-istadju."

"Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, l-esponent jidhirlu illi l-Qorti tal-Appell kellha kull dritt fic-cirkostanzi tal-kaz illi tiddeciedi li ma zzommx l-access mitlub mir-rikorrent.

"**<u>L-allegazzjoni ta' *hearsay*</u>**

"Dwar l-ilment tar-rikorrent in konnessjoni ma' *hearsay*, l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat illi:

"... filwaqt illi huwa minnu li l-ewwel Qorti ma tatx spjegazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi *hearsay*, il-messagg li depozizzjoni bbazata fuq *hearsay* ma taghmilx prova twassal ghand il-gurati.

"Barra minn hekk, wara li l-gurati rtiraw sabiex isir punt ta' dritt, id-difiza ghamlet dan il-verbal:

"L-akkuzat permezz tad-difiza jiddikjara li f'dan il-kaz huwa mhu sejjer iressaq ebda aggravju fl-eventwalita` ta' xi rikors ta' appell dwar il-fatt li x-xhud jixhed fuq dak illi huwa gie informat bih min-nies li m'humiex xhieda.

"Jidher li dan il-verbal sfugga ghal kollox lid-difensuri godda tal-appellant ghax dan l-ewwel aggravju mressaq minnhom jitratta proprju din il-kwistjoni.

"Ghalhekk, jekk dak li wiehed jiddikjara fil-Qorti ghad ghandu valur (u l-esponent jemmen li hekk hu l-kaz), dan l-ilment partikolari lanqas biss suppost tressaq bhala aggravju u tanto meno ingieb quddiem din il-Qorti.

"Kif tajjeb kompliet tosserva l-QAK, ix-xhieda trid dejjem tinghata f'kuntest, u ghalhekk wiehed jistenna li pulizija jispjega x'kienu c-cirkostanzi li wassluh sabiex proprju jmur f'post partikolari. Dik il-Qorti osservat ukoll li zewg membri tal-pulizija gew imwaqqfa mill-ewwel Qorti meta kienu se jirreferu ghall-informazzjoni li kellhom. Izda l-QAK ziedet tghid ukoll illi "Dak li hu interessanti pero` huwa illi fil-kaz ta' P.S. 579 kienet id-difiza stess li

ghamlet mistoqsijiet persistenti dwar l-informazzjoni li ghadda l-Ispettur Grixti”. Jigifieri jidher illi dan huwa kaz li ‘What is sauce for the goose is not sauce for the gander’, kif jinghad fil-lingwa Ingliza.

“**L-Artikolu 29 tal-Kodici Kriminali**

“Rigward l-ilment koncernanti l-artikolu 29 tal-Kodici Kriminali, l-esponent jidhirlu illi dan m’huwiex gustifikat. Kif qalet il-QAK, minkejja li l-Imhallef li ppresjieda ma spjegax formalment x’inhu l-artikolu 29, il-gurija xorta nghatat spjegazzjoni ta’ dan l-artikolu meta l-Imhallef irrefera ghax-xhieda tal-Ispettur Grixti.

“Kif osservat finalment il-QAK,

“Ciononostante, minn imkien ma jirrizulta illi Victor Magri kien ibbenefika jew gie mwieghed li se jibbenefika minn dan l-artikolu. Difatti lanqas ma saret mistoqsija f’dan ir-rigward lill-Ispettur Grixti. Jigifieri wiehed jista’ biss jikkongettura jekk l-informazzjoni nghatatx lill-Pulizija minn Magri stess jew le. U l-kongettura m’hijiex prova. Anke kieku stess l-informazzjoni nghatat minn Magri, id-droga nstabet u l-gurati kellhom ghalhekk jiddeciedu, jekk fid-dawl tal-provi kollha migjuba quddiemhom, kellhomx jemmnu lill-appellant jew lill-P.S. 579 Antoine Micallef.”

“Finalment, l-apprezzament tal-fatti min-naha tal-QAK wassalha biex tikkonkludi li dak li xehed P.S. 579 seta’ ragjonevolment jitwemmen mill-gurati. Ghalhekk il-QAK iddecidiet li tirrespingi l-aggravji tar-rikorrent odjern. Tali decizjoni kienet fid-diskrezzjoni taghha illi tittiehed, u mhux il-kaz li din l-Onorabbli Qorti terga’ tirrepeti xoghol li sar diga` minn Qorti fl-istadju tal-appell.

“**Il-pozizzjoni addottata mill-Qorti Ewropea**

“Il-Qorti Ewropea kemm-il darba osservat illi hija ma tidholx u tiskrutinja l-ghemil tal-Qrati tal-Istati Membri, essendo dan ibbazat fuq il-ligi lokali li jhaddan kull Stat, sakemm ma jkunx jirrizulta b’mod ovvju li sehhet xi lezjoni tal-artikolu 6. Fi kliem iehor, il-Qorti Ewropea thalli, kemm

jista' jkun, l-interpretazzjoni tal-ligi lokali u tal-fatti esposti quddiemhom f'idejn il-Qrati lokali li, kif irrikonoxxiet kemm-il darba, huma necessarjament f'pozizzjoni ahjar sabiex jizvolgu dan ir-rwol.

"Fl-ahhar nett, l-esponent jinnota li anke skont ma jirritjenu Harris, O Boyle u Warbrick fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights* (1995 Ed., p.210):

"The right to a fair hearing in Article 6(1) does not require that any particular rules of evidence are followed in national courts in either criminal or non-criminal cases; it is in principle for each state to lay down its own rules. Such an approach is inevitable, given the wide variations in the rules of evidence in different European legal systems ...".

"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara r-rikors odjern frivolu u vessatorju u tirrespingih bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

"Rat l-atti tal-process kriminali li hu l-materja ta' din il-kawza u li gie konkluz b'sentenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat fit-2 ta' Settembru 2010;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Rat in-Nota tal-Osservazzjonijiet tal-intimat;

"Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

"Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

"Ikkonsidrat;

"Illi b'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jittanta jwarrab is-sejbien tal-htija tieghu kemm mill-Qorti Kriminali (wara smiegh minn guri), kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali; hu kien instab hati ta' pussess ta' droga.  Ir-rikorrent issa qed jallega li ma nghatax smiegh gust, u qed jibbaza dan fuq zewg konsiderazzjonijiet: (1) li l-Qorti ma laqghetx it-talba tieghu biex isir access fuq il-post fejn allegament

inqabad fil-fatt, u (2) li l-Qorti thalliet 'hearsay evidence' tinghat waqt il-guri, meta din hi xhieda inammissibbli.

"Din il-Qorti tinnota li dawn iz-zewg ilmenti kienu tressqu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, izda dik il-Qorti skartat l-istess u ma sabitx li kien hemm xi irregolarita` matul il-kawza u lanqas li huwa gie misjub hazin fuq il-fatti.  Din l-osservazzjoni trid issir ghax kif ripetutament gie asserit mill-qrati taghna u anke mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, qorti b'kompetenza kostituzzjonali jew specjali ma tistax u ma ghandhiex isservi bhala qorti ta' appell ulterjuri, u mhux kompitu ta' qorti bhal din li taghmel rivalwazzjoni tal-fatti, sakemm dan ma jkunx qed jimpingi fuq id-dritt tar-rikorrent li jkollu process gust.  Ghalhekk, din il-Qorti ma tidholx biex tirriezamina l-fatti u ma ghandhiex tbiddel is-sejbien ta' htija semplicement ghax forsi, ma tkunx taqbel maghha. F'kaz ta' smiegh b'guri, huma l-gurati li huma l-arbitri tal-fatti, u li trid tara qorti ta' revizzjoni hu jekk il-fatti gewx pprezentati b'mod gust u jekk il-gurati setghux, fuq dawk il-fatti, ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li waslu.

"Fil-fatt, fil-kawza "<u>Valfracht Maritime Co.  Ltd.  vs Avukat Generali et</u>", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Novembru 2006, intqal hekk fir-rigward:

"*Certament l-odjerna procedura ma tistax tintuza biex tirretifika kwalunkwe nuqqas, ikun xi jkun ta' xi Qorti ohra, izda minflok hija procedura straordinarja li ghandha dejjem tigi ezercitata fil-parametri strett tad-dritt fundamentali li allegatament ikun gie vjolat.  F'dan il-kuntest huwa opportun li tigi citata silta mill-volum imsemmi <u>Jacobs and White, The European Convention on Human Rights</u>, Third Edition, fejn f'pagna 140, l-awturi jikkummentaw hekk dwar l-hekk imsejha "fourth instant" doctrine.  Dan l-insenjament qieghed jigi enfasizzat hawn, ghaliex japplika, mutatis mutandis ghall-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ghal din il-Qorti meta jkunu qeghdin jezaminaw allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fil-konfront ta' xi qorti jew tribunal iehor;*

***"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials.  These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system.  The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts.  The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention.  Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on.  And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgement, as the case may be.***

**"*The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is not to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts.  It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6".*"**

"F'dan il-kaz, dan l-ezercizzju gia sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali li sabet li l-Imhallef li ppresjeda fuq il-guri kien korrett fil-kontroll tieghu tal-provi prodotti, u li l-gurati setghu, a bazi tac-cirkostanzi, jemmnu lix-xhud principali tal-prosekuzzjoni u jaslu ghall-verdett ta' htija.

"Trattat taht lenti ta' smiegh xieraq l-ewwel aggravju tar-rikorrent, dwar in-nuqqas tal-qorti li zzomm access, din il-Qorti tinnota l-kaz kollu kontra l-akkuzat kien jistrieh, tista' tghid, fuq ix-xhieda ta' P.S.  579 Antoine Micallef li stqarr li ra lill-akkuzat fil-pussess tad-droga.  Ir-rikorrent ikkontesta l-veracita` ta' dan ix-xhud u, fi stadju tal-Appell, talab lill-

Qorti zzomm access fuq il-post fejn sehh l-incident sabiex, skont hu, ikun f'pozizzjoni ahjar li jikkontradici x-xhieda tas-surgent Micallef.

"Dwar din it-talba, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"*17. Din il-Qorti tosserva l-ewwel nett illi t-talba biex isir access saret ukoll waqt it-trattazzjoni orali u giet ipprezentata nota f'dan ir-rigward fid-19 ta' Awissu 2010. Issa, mill-atti tirrizulta precizament il-pozizzjoni li kienu fiha l-vetturi, u fi kwalunkwe kaz l-inhawi tal-Infetti huma ben noti lil din il-Qorti. Inoltre ma jirrizultax li saret xi talba quddiem l-ewwel Qorti biex isir access. Ghalhekk ma kienx il-kaz li jsir access f'dan l-istadju.*"

"Dik il-Qorti, sussegwentement, ezaminat bir-reqqa u fid-dettal l-argumenti tar-rikorrent biex jiskredita dan ix-xhud u sabet li anke accettat xi uhud mill-argumenti, dan ma jwassalx biex ix-xhieda tas-surgent tigi bilfors skartata u jigix emnut jew le kienet materja li korrettement thalliet f'idejn il-gurati. Mehud kont tal-fatt li, fil-kors tas-smiegh tal-kaz, ir-rikorrent allura akkuzat ma talabx li jinzamm dan l-access – skont hu tant importanti ghall-kaz tieghu – ma jistax jinghad li inkiser id-dritt tieghu ghal smiegh xieraq meta din it-talba, li saret biss quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, giet michuda. Il-membri tal-gudikatura komponenti dik il-Qorti qalu ukoll li huma kienu a koxjenza tac-cirkostanzi tal-post, u setghu, ghalhekk, isegwu ezattament l-argumenti tar-rikorrent msejsa fuq il-pozizzjoni tax-xhud relatat mal-ambjent.

"Parti f'kawza ma ghandux dritt iressaq il-provi kollha li jrid u meta jrid. Talba bhal dik kellha, necessarjament, titressaq waqt is-smiegh tal-guri peress li sta ghall-gurati li jiddeciedu jemmnux jew le lix-xhud surgent Micallef. La darba t-talba ma saritx fi stadju opportun, hu difficli li qorti ta' revizzjoni tqis l-istess talba bhala li tindika l-prova importanti. Inoltre, kien fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali taccettax jew le "provi godda" f'dak l-istadju, u meta hi rat li l-inhawi kienu "ben noti" ghaliha, kienet korretta li tqis li ma kienx hemm htiega impellenti li jinzamm access.

"Ghar-rigward tal-ilment li lill-gurati tressqet prova li kienet tikkonsisti minn 'hearsay evidence', il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi tghid fir-rigward:

"*8. Mela filwaqt illi huwa minnu li l-ewwel Qorti ma tatx spjegazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi hearsay, il-messagg li tali depozizzjoni ma taghmilx prova twassal ghand il-gurati. Barra minn hekk, wara li l-gurati rtiraw sabiex isir punt ta' dritt, id-difiza ghamlet dan il-verbal:*

"***"L-akkuzat permezz tad-difiza jiddikjara li f'dan il-kaz huwa mhu sejjer iressaq ebda aggravju fl-eventwalita` ta' xi rikors ta' appell dwar il-fatt li x-xhud jixhed fuq dak illi huwa gie nfurmat bih min-nies li m'humiex xhieda".***"

"Mill-premess u mill-atti jirrizulta allura li lill-gurati gie spjegat li xhieda 'hearsay' ma taghmilx prova, u li, f'kull kaz, l-istess akkuzat <u>irrinunzja</u> ghad-dritt li jikkontesta l-fatt li nghatat tali xhieda. Lill-gurati, fil-bidu u anke fl-indirizz tal-Imhallef, gie spjegat li fil-waqt li huma arbitri tal-fatti kellhom joqoghdu ghal dak li jghidilhom l-Imhallef fuq punti tal-ligi, u allura meta lilhom gie spjegat li 'hearsay evidence' m'hijiex prova li setghet tintuza kontra l-akkuzat, mhux mistenni li l-gurati jinjoraw dik id-direzzjoni tal-Imhallef u jqisuha fid-deliberazzjoni taghhom. Barra minn dan, il-Qorti tal-Appell Kriminali skartat din is-suppost xhieda, izda xorta kkonkludiet li kien hemm provi bizzejjed li setghu iwasslu ghas-sejbien tal-htija tar-rikorrent. Mehud in konsiderazzjoni dawn il-fatturi, ma jistax jinghad li l-process kollu fil-konfront tar-rikorrent ma kienx wiehed gust. Il-fatt li r-rikorrent stess irrinunzja ghall-kwalunkwe "aggravju" marbut mal-istess xhieda, ikompli jikkonferma li dak kollu li sar waqt is-smiegh tal-kaz kien *rite et recte* u konformament mad-drittijiet tal-akkuzat ghal smiegh gust.

"Din il-Qorti mhux se tidhol fl-allegazzjonijiet li saru mir-rikorrent dwar "nuqqas ta' intendiment" bejnu u l-avukati tieghu. Ir-rikorrenti qabad hu l-avukati li ried biex jiddefenduh u halla t-tmexxija tal-kaz f'idejhom. Dawn wara li kkonsultaw bi shih mar-rikorrent dehrilom li "<u>ma</u>

kienx hemm bzonn" li jsir access u jitressqu xhieda ohra, u din il-Qorti zgur mhux se tidhol biex tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tal-avukat ta' fiducja tar-rikorrent dwar kif il-kaz kellu jigi trattat. L-avukat kien involut direttament fit-tmexxija tal-guri u mhux kompitu ta' din il-Qorti tissindika kellux l-avukat jiehu decizjoni flok ohra, ghax altrimenti tkun qed tintervjeni f'materja li tolqot bis-serjetal-indipendenza tal-avukat u d-dritt tal-akkuzat li jaghzel avukat ta' fiducja.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu."

**L-aggravji tar-rikorrent**

2. B'rikors datat 28 ta' Ottubru 2011 ir-rikorrent appella minn din is-sentenza u talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex tilqa' l-lanjanzi u t-talbiet tieghu fir-rikors promutur u taghtih dak ir-rimedju xieraq li jidhrilha adegwat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

3. Sostanzjalment l-aggravji tar-rikorrent appellant huwa s-segwenti:

I. L-ewwel Qorti ma ghamlet ebda konsiderazzjoni tac-cirkostanzi fl-ambitu tad-dritt ghal smigh xieraq u strahet biss fuq jekk it-talbiet imressqa lilha kinux qeghdin jistednuha sabiex tkun qorti tat-tielet grad jew le.

II. Kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta qalet li t-talba ghall-access kellha ssir waqt is-smigh tal-guri, billi anke l-ligi ordinarja stess tippermetti u taghti opportunita`, anke jekk wahda limitata, sabiex il-prova titressaq quddiem il-Qorti tal-Appell.

III. Fix-xhieda tal-prosekuzzjoni kien hemm terza persuna li ghaddiet informazzjoni (u ghalhekk ibbenefikat mill-Art 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi) u liema informazzjoni ddahhlet fil-prova minkejja li hija tat-tip ta' *hearsay*. Dan l-artikolu, minkejja li kien parti mit-tezi

tad-difiza u allura parti mill-konsiderazzjonijiet li kellhom jaghmlu l-gurati, ma giex spjegat mill-Qorti fl-indirizz lill-gurati.

IV. Illi l-appellant ma kellux assistenza legali effettiva meta sar verbal fejn gew rinunzjati d-drittijiet tar-rikorrent dwar xhieda li thalliet issir fil-proceduri u li kienet inammissibili.

**<u>Risposta tal-Appell tal-intimat appellat</u>**

4. L-appellatipprezenta r-risposta tieghu u wiegeb ghar-rikors tal-appell tar-rikorrent appellant billi sostna li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghar-ragunijiet minnu esposti fir-risposta tieghu talab li l-appell interpost jigi respint u michud bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

5. F'dan il-kaz, skont ir-rikorrent, il-process li gie konkluz kontra tieghu, kemm quddiem il-Qorti Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa wiehed li jivvjola d-dritt ghal smiegh xieraq kif protett f'Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea billi:

i. Huwa gie mcahhad milli jressaq prova importanti tramite l-access fuq il-post,

ii. billi fil-kors tal-process ma ttiehdux dawk is-salvagwardji mehtiega sabiex provi inammissibbli ma jitressqux fil-process u

iii. billi ma giex spjegat lill-gurati punt ta' ligi[1].

6. L-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea jipprovvdi li:

"*(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat*

[1] Ara rikors promotur tar-rikorrent.

*ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi ....* "

7. Ir-rikorrent qed jibbaza l-lanjanza tieghu fuq l-Artikolu 6 u l-Artiklolu 39 u jghid li l-kuncett ta' smigh xieraq jinkludi l-presunzjoni ta' innocenza u d-dritt tal-akkuzat li jressaq il-provi in difeza.

8. **<u>Fl-ewwel aggravju</u>** l-appellant isostni li Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fuq il-fatt li hija m'hijiex qorti tat-tielet grad u ma dahlitx fl-ambitu tad-dritt ghal smigh xieraq. Hu jghid li dak li huwa talab kien li l-Qorti tikkonsidra l-proceduri li sehhew quddiem il-qrati ta' kompetenza penali u jekk l-allegati nuqqasijiet sollevati minnu f'dawk il-proceduri jwasslux ghal nuqqas ta' smigh xieraq. L-appellant isostni li ma nghatax smigh xieraq fil-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali u n-nuqqasijiet li kien hemm ma gewx korretti jew ibbilancjati fil-process quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

9. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-ewwel Qorti ma dahlitx fl-ambitu tad-dritt ghal smigh xieraq u li l-konsiderazzjonijiet taghha kienu biss li m'hijiex qorti tat-tielet grad. L-ewwel Qorti ssenjalat li mhux kompitu taghha bhala qorti b'kompetenza kostituzzjonali u konvenzjonali li taghmel rivalwazzjoni tal-fatti, sakemm dan ma jkunx qed jimpingi fuq id-dritt tar-rikorrent li jkollu process gust. Hi waslet ghall-konkluzjoni li r-rikorrent ressaq l-ilment tieghu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, izda dik il-Qorti skartat l-istess u ma sabitx li kien hemm xi irregolarita` matul il-kawza u lanqas li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma sabet ebda ksur tal-Artikolu 39 ta' Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

10. Dan l-aggravju qed jigi michud.

11. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tittratta **<u>it-tieni l-aggravju</u>** (u dan li ser jinghad japplika anke fir-rigward tat-tielet aggravju) hu opportun li jerga' jigi mfakkar x'inhi l-funzjoni u l-kompetenza tal-Qorti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali u dan senjatament fir-

rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li r-rikorrent qed jinvoka.

12. Ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-regoli dwar l-evidenza, l-awturi **Harris, P'Boyle & Warbrick fil-ktieb 'Law of the European Convention on Human Rights'**. ( Second Edition page 256) jghidu li:
"The right to a fair hearing in Article 6(1) does not require that any particular rules of evidence are followed in national courts in either criminal or non-criminal cases; it is in principle for each state to lay down its own rules. Such approach is inevitable, given the wide variations in the rules of evidence in different European Legal systems. However, the Strasbourg Court has set certain parameters within which a state must operate.

"In **Schenk v Switzerland** the Court stated that Article 6 'does not lay any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law'. Accordingly, <u>it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular type of evidence…may be admissible …The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair'</u>.

"Just as the Strasbourg Court regards the rules as to the admissibility of evidence as primarily a matter for national decision, so <u>it will not generally review the assessment of evidence by a national court. It will only do so where the national court has drawn 'arbitrary or grossly unfair conclusions from the facts submitted to it.</u>"

13. F'dan is-sens kienet id-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza **J.E.M. Investments Ltd v. Avukat Generali** deciza fit-30 ta' Settembru 2011 fejn qalet li:
"Ghalhekk id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) illi huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Izda

l-funzjoni tal-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.

14. Kien il-kompitu tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tara jekk id-decizjoni tal-Qorti Kriminali kinitx korretta jew le, u jekk fid-decizjoni taghha r-rikorrent kellux jinstab hati jew liberat. Izda din il-Qorti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali ma tidholx fil-mertu la tad-decizjoni tal-Qorti Kriminali u lanqas tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-kompitu taghha huwa ristrett biex tezamina u tiddeciedi jekk il-proceduri li zvolgew quddiem qorti ohra setghux jivvjolaw xi dritt fundamentali.

15. F'dan l-aggravju l-Qorti trid tezamina jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 6 fih tliet elementi distinti li huma: i. access ghall-qorti; ii. garanziji dwar l-organizzazzjoni u komposizzjoni tal-qorti u iii. garanziji dwar il-mod kif jigu kondotti l-proceduri. Fil-kuncett ta' smigh xieraq ir-rikorrent qed jinkludi l-presunzjoni ta' innocenza u d-dritt tal-akkuzat li jressaq il-provi in difeza[2]. Ir-rikorrent jissottometti li huwa fil-kuncett ta' smigh xieraq li l-ilmenti tieghu jsibu posthom.

16. Din il-Qorti tosserva li d-dritt ghal smigh xieraq, invokat mir-rikorrent f'dawn il-proceduri, mhuwiex xi dritt esklussiv ghall-qrati b'gurisdizzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali, izda kien sab postu fil-qrati ordinarji minn hafna zmien ilu. Fil-kaz in ezami kien ghalhekk ukoll fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tissindika u tara jekk il-Qorti Kriminali osservatx id-dettami rikjesti biex ikun hemm smigh xieraq. Il-principji ta' gustizzja naturali ilhom jezistu z-zmien (hafna qabel li gie introdott il-Kap. 319) u qeghdin hemm biex jassiguraw smigh xieraq. Qorti b'kompetenza ordinarja ghandha l-obbligu li tinvestiga l-*iter* procedurali ta' Qorti inferjuri meta jigi allegat li kien

[2] Ir-referenza hija ghal artikolu 6(1)(2)(3)(d) tal-Konvenzjoni u 39(1)(5)(6)(d) tal-Kostituzzjoni.

hemm xi haga li setghet twassal ghan-nuqqas ta' smigh xieraq.[3]

17. Fit-tieni aggravju r-rikorrent qed isostni li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li t-talba ghal access kellha ssir waqt is-smigh tal-guri. Jghid li l-ligi ordinarja (art. 458, 506 u 507 tal-Kap. 9 taghti d-dritt lill-akkuzat li jressaq il-provi mehtiega ghad-difiza tieghu. Ikompli li ghalkemm dawn il-provvedimenti ma jsemmux il-prova li tista' ssir permezz ta' access, izda l-ghan ta' dawn il-provvedimenti huwa li jippermettu li jigu ammessi dawk il-provi konnessi mat-tezi tal-partijiet liema prova tista' ssir b'diversi mezzi, mhux biss permess ta' dokumenti jew xhieda izda anke permezz ta' access fuq is-sit. F'dan il-kaz, hu jsostni, li s-sejba ta' htija tistrih fuq xhud wiehed, u ghalhekk kien aktar impellenti li l-appellant jithalla jressaq dik il-prova.

18. Din il-Qorti tirrileva li dan l-ilment li tressaq mir-rikorrent f'dawn il-proceduri kien diga` gie sottomess bhala aggravju quddiem il-Qorti tal-Appell u dik il-Qorti trattat dak l-aggravju *funditus* u sabet li ma kienx misthoqq.

19. L-appellat jikkontendi li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha kull dritt u ragun li, fic-cirkostanzi tal-kaz, tiddeciedi li ma zzommx l-access mitlub mir-rikorrent.

20. Din il-Qorti tirrileva li hija l-ligi ordinarja stess, il-Kap. 9 fl-Artikolu 506, li tipprovvdi ghal possibilita` li Qorti tal-Appell Kriminali tikkonsidra jekk ghandhiex tilqa' talba bhal dik li ghamel l-appellant biex f'dak l-istadju jsir access. Il-Qorti tal-Appell Kriminali wara li ghamlet il-konsiderazzjonijet taghha dehrilha li, ghar-ragunijiet li hija semmiet fis-sentenza taghha, ma kellhiex tordna li jsir access.

21. Il-Qorti tal-Appell Kriminali segwiet u applikat id-dispost tal-ligi li kien jintitolaha li tiddeciedi kif iddecidiet u ghalhekk kienet proceduralment korretta. L-Artikolu 506

[3] Q.K. Muscat vs Muscat 24 ta' Gunju 2011

tal-Kap. 9 ma jcahhadx lir-rikorrent mid-dritt ta’ access ghal qorti jew ghal smigh xieraq, anzi jaghti lill-Qorti tal-Appell Kriminali, jekk jidhrilha mehtieg jew espedjenti fl-interess tal-gustizzja, li tordna l-produzzjoni ta’ dokumenti u xhieda u anke, jekk ikun il-kaz, li jsir access. Fil-kaz in ezami dik il-Qorti dehrilha pero` li, apparti ragunijiet ohra msemmija minnha fis-sentenza, it-talba biex isir access ma kinitx saret mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti fil-guri fejn jigu decizi l-fatti u t-talba saret biss fit-trattazzjoni orali quddiem il-Qorti tal-Appell. Il-Qorti tal-Appell osservat ukoll li mill-atti kien jirrizulta precizament il-pozizzjoni li fiha kienu l-vetturi, u ghalhekk ma kienx il-kaz li tordna li jsir access.

22. Din il-Qorti m’hijiex ser tidhol <u>fil-mertu</u> tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell jew tibdel id-diskrezzjoni ta’ dik l-Qorti ma’ taghha, izda tghid biss li mill-atti ma jidher li sar xejn <u>proceduralment</u> inkorrett jew li kien ‘*arbitrary or grossly unfair’* f’dik id-decizjoni taghha.

23. Dan l-aggravju qed jigi michud.

24. **<u>Fit-tielet aggravju</u>** tieghu, li l-appellant kien ukoll ressaq bhala aggravju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent jilmenta li fix-xhieda tal-prosekuzzjoni kien hemm terza persuna li ghaddiet informazzjoni (u ghalhekk ibbenefikat mill-Art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi) u liema informazzjoni ddahhlet fil-provi minkejja li hija tat-tip ta’ *hearsay*. Dan l-artikolu, minkejja li kien parti mit-tezi tad-difiza u allura parti mill-konsiderazzjonijiet li kellhom jaghmlu l-gurati, ma giex spjegat mill-Qorti fl-indirizz lill-gurati.

25. Dwar il-kwistjoni ta’ *hearsay* l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi tghid:

“... filwaqt illi huwa minnu li l-ewwel Qorti ma tatx spjegazzjoni ta’ dak li jikkostitwixxi *hearsay*, il-messagg li depozizzjoni bbazata fuq *hearsay* ma taghmilx prova, twassal ghand il-gurati.”

26. Jigi osservat minn din il-Qorti li filwaqt li l-Qorti Kriminali kienet qed tipprova tikkontrolla l-andament tax-

xhieda u tevita li tigi introdotta prova inammissibili bhal ma hi dik ta' *hearsay,* kienet id-difiza li baqghet tinsisti u ssaqsi domandi fuq l-informazzjoni li kellhom il-pulizija.[4]

27. Inoltre l-Qorti tal-Appell Kriminali meta kienet qed tikkonsidra dan l-istess aggravju, irrimarkat li kien jidher li lid-difensuri godda tal-appellant kien sfuggilhom il-verbal li kien ghamel l-appellant quddiem il-Qorti Kriminali fejn irrinunzja ghad-dritt li jikkontesta l-fatt li nghatat xhieda li issa qed ighid li hija inammissibbili. F'dak il-verbal kien tnizzel hekk:

"L-akkuzat permezz tad-difiza jiddikjara li f'dan il-kaz huwa mhu sejjer iressaq ebda aggravju fl-eventwalita` ta' xi rikors ta' appell dwar il-fatt li x-xhud jixhed fuq dak illi huwa gie nformat bih minn nies li m'humiex xhieda."

28. Inoltre dwar 'hearsay evidence' din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz fil-kaz **X v. the Federal Republic of Germany** 8414/78 4/7/79 fejn intqal li 'Article 6.1 of the Convention … does not exclude that the trial court, in order to establish the full truth, relies on indirect ('hearsay') evidence, as long as the use of such evidence is not in the circumstances unfair. L-istess kien gie deciz fil-kaz Haas v. Germany (dec.) 73047/01 17/11/2005.

29. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak li qed jitlob l-appellant huwa li din il-Qorti terga' taghmel rievalwazzjoni tal-fatti kif gew esposti quddiem l-qrati penali biex tiddeciedi jekk l-appellant kellux jinstab hati jew jigi liberat.

30. Fuq din il-linja ta' difiza l-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li z-zewg membri tal-pulizija fix-xiehda taghhom gew imwaqqfa mill-Qorti Kriminali meta dawn kienu ser jirreferu ghall-informazzjoni li kienet inghatatilhom. Hija osservat li "fil-kaz ta' P.S. 579 kienet id-difiza stess li ghamlet mistoqsijiet persistenti dwar l-informazzjoni li ghadda l-Ispettur Grixti".

---

[4] [4] Mill-Atti tal-process Kriminali. Qorti: "L-ewwel tghiduli li m'ghandux jghid fuq li kien jaf minn qabel, imbaghad tridu tistaqsuh intom stess hux."

31. Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u difficilment tista' tghid li l-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha biss fuq *hearsay*. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat ix-xiehda ta' P.S. 579, ir-ritratti u l-argumenti kollha migjuba mid-difiza, u dehrilha li fil-fehma taghha l-gurati setghu ragjonevolment jemmnu lil P.S. 579. Din il-Qorti ma tidholx fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li ma jirrizultax li giet ezercitata skorrettement jew arbitrarjament. Lanqas jirrizulta li l-appellant ma thalliex iressaq din il-linja ta' difiza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali jew saritlu xi limitazzjoni fid-difiza tieghu. Il-fatt li hu ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Qorti ma jfissirx li ma nghatax smigh xieraq.

32. L-istess ghandu jinghad fir-rigward tal-aggravju fejn l-appellant jilmenta li fix-xhieda tal-prosekuzzjoni kien hemm terza persuna li ghaddiet informazzjoni lill-Pulizija li ghalhekk ibbenefikat mill-Art 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u li dan il-fatt, li kien parti mid-difiza tal-appellant, ma giex spjegat lill-gurati.

33. Dan l-aggravju kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li ddecidiet li ghalkemm formalment dan l-artikolu ma kienx gie spjegat lill-gurati, izda meta l-Imhallef li mexxa l-guri rrefera ghax-xiehda tas-Spettur Grixti, hu ta spjegazzjoni ta' meta kellu japplika u ma japplikax dan l-artikolu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li ma kienx jirrizulta li Victor Magri kien ibbenefika minn dan l-artikolu jew li l-Ispettur Grixti gie mistoqsi jekk Magri kienx ser jibbenefika minnu.

34. **<u>Aggravju iehor</u>** tal-appellant huwa li ma nghatax assistenza legali effettiva meta sar il-verbal fejn gew rinunzjati d-drittijiet tieghu dwar xhieda li thalliet issir fil-proceduri liema xhieda kienet inammissibili.

35. Fil-kaz in ezami jirrizulta li kien ir-rikorrent li ghazel l-avukat ta' fiducja tieghu biex jiddefendih waqt il-guri. Quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali imbaghad bidel l-avukat difensur tieghu u kien quddiem il-Qorti b'gurisdizzjoni kostituzzjonali li l-appellant beda jilmenta

dwar l-avukat u n-nuqqas ta’ difiza adegwata. Ma kien sar ebda lment quddiem il-Qorti Kriminali dwar l-Avukati difensuri jew dwar it-tmexxija tal-kaz tieghu minnhom.

36. Kif iddecidiet il-Qorti ta’ Strasbourg fis-sentenza li ghamel referenza ghaliha l-istess rikorrent, **Kamasinski,** 19.12.1989 para 65):

“It follows from the independence of the legal profession from the State that the conduct of the defence is essentially a matter between the defendant and his counsel, whether counsel be appointed under a legal aid scheme or be privately financed. The Court agrees with the Commission that the competent national authorities are required under Article 6 § 3 (c) (art. 6-3-c) to intervene only if a failure by legal aid counsel to provide effective representation is manifest or sufficiently brought to their attention in some other way.”

37. F’dan il-kaz ir-rikorrent ressaq biss l-ilment tieghu dwar l-avukat difensuri tieghu quddiem il-Qorti b’gurisdizzjoni kostituzzjonali u ma kienx ilmenta qabel, jew gab ghall-attenzjoni tal-qorti penali li ma kienx qed jinghata difiza effettiva jew li ma kienx qed jaqbel mal-istrategija li d-difensuri hadu meta ddecidew li ma jressqux it-talbiet tieghu biex jinzamm access u li jissejhu x-xhieda. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li hija m’ghandhiex tidhol fil-kwistjoni dwar in-nuqqas ta’ intendiment bejn ir-rikorrent u l-avukati tieghu dwar kif kellha titmexxa d-difiza tal-appellant.

38. Ir-rikorrent jinsisti li huwa ma kienx approva r-rinunzja meta sar il-verbal u anke kieku r-rinunzja kellha tkun inekwivoka. Fil-fehma ta’ din il-Qorti pero` l-verbal huwa car u diga` intwera li r-rinunzja ma saritx *ad insaputa* tieghu, anzi jirrizulta li l-verbal sar wara li l-avukati kkonsultaw mieghu u ddecidew li jimxu b’dak il-mod.

39. Dan l-aggravju qed jigi michud ukoll.

**<u>Decide</u>**

40. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez tal-appell ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------